# LAYMAN'S REPORT





LIFE
PANPUFFINUS!
PROĠETT 2025

**EDITURI:**
Francesca Visalli, Rita Matos, Manya Russo.

**DISINN GRAFIKU:**
Cinzia Mintoff

**MAPPA:** Francesca Visalli

**RITRATTI:**
Aron Tanti, Aris Christidis, Benjamin Metzger, Chris Vlachos, Danae Portolou, Daniel Rey, Dimitra Christidi, Elisabete Silva, Flávia Carvalho, Francesca Visalli, Hannah Greetham, Ilaria Marchiori, Inês Casinhas, Jodi Fiteni, José Manuel Arcos, Jorge Meneses, Julie Schubas, Justine Borg, Lila Deroungeri, Luís Ferreira, Marc Schruoffeneger, Mario Gauci, Martin Austad, Murat Gelir, Paulo Lago, Ricardo Fernandes, Rita Matos, Vero Cortés.

**TRADUZZJONI GĦAL MALTI:**
Antonia Micallef, Victor Falzon.

LIFE
PANPUFFINUS!
WEBSAJT:



LIFE PanPuffinus!

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

NATURA 2000

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS
DEPARTMENT OF FISHERIES AND AQUACULTURE

BirdLife MALTA

LPO BIRDLIFE FRANCE – Agir pour la biodiversité

spea

SEO BirdLife

N.E.C.C.A. Natural Environment and Climate Change Agency

Ορνιθολογική – HELLENIC ORNITHOLOGICAL SOCIETY

## Supported by:

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

GREEN FUND

A. G. LEVENTIS FOUNDATION

OFB OFFICE FRANÇAIS DE LA BIODIVERSITÉ

Food 4 Good

MAVA FONDATION POUR LA NATURE

FONDATION NATURE & DECOUVERTES – SOUS L'ÉGIDE DE LA FONDATION DE FRANCE

SATHOAN LA MER ENSEMBLE PAR PASSION

Oceanário de Lisboa

FUNDO AMBIENTAL



# FIL-QOSOR

Il-proġett LIFE PanPuffinus!, iffinanzjat mill-UE, jindirizza l-ħtiġijiet urġenti ta' konservazzjoni ta' żewġ speċi endemiċi ta' tajr tal-baħar Mediterranji li jinsabu mhedda: il-Garnija (Yelkouan Shearwater) u l-Garnija Balearika (Balearic Shearwater). Għall-ewwel darba, proġett ta' kollaborazzjoni bejn Malta, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall, li fuq medda ta' ħames snin wettqu bejniethom għadd kbir ta' ħidmiet ta' konservazzjoni.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għanijiet tal-proġett, l-azzjonijiet li twettqu u l-kisbiet ewlenin. B'ħidma fuq l-art u fuq il-baħar, il-proġett ta sehem kbir fil-ħarsien ta' dawn l-għasafar vulnerabbli mhux biss fil-Mediterran imma anke lilhinn minnu sal-kosta Atlantika tal-Portugall; dan biex ikompli jiżgura l-futur tagħhom kull fejn jimirħu.

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Ħarsa ġenerali lejn il-proġett | 1 |
| Protezzjoni ta' żewġ għasafar tal-baħar Mediterranji | 2 |
| Sforz konġunt għal futur aktar sigur | 3 |
| Siti tal-proġett | 4 |
| Speċi tal-proġett | 6 |
| Il-ħajja tal-għasafar tal-baħar | 10 |
| Miżuri kontra l-qbid bi żball | 14 |
| L-għasafar tal-baħar fuq l-art | 16 |
| Żieda fl-għarfien | 19 |
| Il-kisbiet fil-qosor | 20 |
| Il-passi li jmiss | 21 |
| Rikonoxximenti | 22 |



# Ħarsa ġenerali lejn il-proġett

**Il-proġett LIFE PanPuffinus!** huwa kkordinat minn BirdLife Malta bi sħab ma' Aquatic Resources Malta (ARM), Hellenic Ornithological Society (HOS), Natural Environment & Climate Change Agency (NECCA), Sociedad Española de Ornitología (SEO), Ligue pour la Protection des Oiseaux (LPO) u Sociedade Portuguesa para o Estudo das Aves (SPEA).

**Pajjiżi:** Malta, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall.

Il-proġett huwa **kofinanzjat** mill-Programm LIFE tal-Unjoni Ewropea, li jappoġġja inizjattivi ambjentali u ta' azzjoni klimatika mmirati lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ħabitati naturali tal-Ewropa, skont il-kuntratt **LIFE19 NAT/MT/000982**.

- **Baġit totali tal-proġett:** €3,540,557
- **Kontribut finanzjarju tal-Programm LIFE tal-UE:** €2,124,335 (60% tal-baġit totali eliġibbli tal-proġett)

**Kofinanzjament:** mill-Ministeru Malti għall-Biedja, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali, A. G. Leventis Foundation, The Green Fund, French Biodiversity Agency (OFB), Food4Good, MAVA, Sathoan, Fondation Nature et Découverte, Oceanário de Lisboa u Fundo Ambiental.

**Tul tal-proġett:** Settembru 1, 2020 – Frar 28, 2026.



# Protezzjoni ta' żewġ għasafar tal-baħar Mediterranji

Il-proġett LIFE PanPuffinus! huwa ddedikat għall-ħarsien ta' żewġ speċi endemiċi ta' għasafar tal-baħar Mediterranji li jinsabu mhedda: il-Garnija *(Puffinus yelkouan)* u l-Garnija Balearika *(Puffinus mauretanicus)*.

Dawn l-għasafar jiffaċċjaw theddid serju matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. B'kollaborazzjoni transkonfinali unika, il-proġett ġab flimkien esperti u msieħba ta' BirdLife minn **Malta, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall**, flimkien ma' Aquatic Resources Malta u l-Aġenzija Griega għall-Ambjent Naturali u l-Bidla fil-Klima.

## Flimkien qed jindirizzaw żewġ sfidi ewlenin:

**Predaturi invażivi:**
bħal firien li jheddu l-bejtiet.

**Qbid bi żball:**
meta l-għasafar tal-baħar jinqabdu b'mod mhux intenzjonat waqt is-sajd.













# Sforz konġunt għal futur aktar sigur

L-għan ewlieni tal-proġett LIFE PanPuffinus! huwa li jifhem u jnaqqas żewġ theddidiet ewlenin għal dawn l-għasafar tal-baħar, biex jiżgura s-sopravivenza tagħhom għall-futur.

Biex jintlaħaq dan, il-proġett iffoka fuq:

- **Kollaborazzjoni mill-qrib mas-sajjieda biex ikun magħruf l-ammont ta' qbid inċidentali** fil-Mediterran u x-xatt Atlantiku tal-Portugall;
- **Ittestjar ta' miżuri ta' mitigazzjoni** biex jonqos il-qbid bi żball f'tipi differenti ta' tagħmir tas-sajd;
- **Implimentazzjoni ta' attività ta' bijiosigurtà u kontroll ta' predaturi** fuq gżejjer fejn ibejtu l-għasafar;
- **Involviment ta' partijiet interessati u żieda fl-għarfien** fost is-sajjieda, il-komunitajiet lokali u l-pubbliku.

## Għaliex huwa importanti?

Il-Garnija u l-Garnija Balearika huma **uniċi għal dan ir-reġjun** u huma indikaturi essenzjali tas-saħħa tal-ekosistemi marittimi tagħna. Bil-ħarsien tagħhom, il-proġett ikun qed jgħin ukoll fil-konservazzjoni usa' tal-Baħar Mediterran u tal-kosta Atlantika tal-Portugall.

LIFE PanPuffinus! mhuwiex biss proġett ta' konservazzjoni. Huwa sforz kollettiv bejn diversi pajjiżi magħqudin b'għan komuni: li **jagħtu lil dan l-it-tajr tal-baħar mhedded iċ-ċans li jgħix.**

# Is-siti tal-proġett



# Speċi tal-proġett
# Il-Garnija

*Puffinus yelkouan*



| | Malta | Grecja | Spanja | Franza | Portugall |
|---|---|---|---|---|---|
| Isem komuni | Garnija | Μύχος | Pardela mediterránea | Puffin yelkouan | Pardela-do-mediterrâneo |
| Deskrizzjoni | Ġisem erodinamiku bi ġwienaħ twal u dojoq, bin-naħa ta' fuq kannella skur u żaqqhom bajda; munqar irqiq u iswed, bit-tarf mgħawweġ ganċ, imnieħer estern fil-forma ta' tubu; saqajn suwed bis-swaba' magħqudin | | | | |
| Tul | 30-35 cm | | | | |
| Firxa tal-ġwienaħ | 70-84 cm | | | | |
| Piż | 330-500 g | | | | |
| Jgħixu | sa 25 sena | | | | |
| Stil ta' ħajja | L-aktar pelaġiku | | | | |
| Dieta | Ħut bħal inċova, sardin u sawrella; kif ukoll klamari, krustaċi u rimi minn bastimenti tas-sajd | | | | |
| Bejta | Sens qawwi ta' lealtà lejn il-post fejn faqqas, tbejjet f'għerien, f'toqob jew taħt veġetazzjoni ta' rdumijiet, jew fuq gżejjer remoti bil-blat. Iżżur il-bejta biss bil-lejl biex tevita predaturi | | | | |
| Staġun tal-bejta | Frar sa Awwissu | | | | |
| Attività fil-kolonji | Bil-lejl | | | | |
| Kemm ibid | Bajda waħda kull staġun | | | | |
| Status ta' konservazzjoni – Livell Ewropew | Vulnerabbli | | | | |

| | |
|---|---|
| Theddid ewlieni | • Qbid bi żball<br>• Predazzjoni minn speċij aljeni invażivi<br>• Tniġġis miż-żejt<br>• Produzzjoni ta' enerġija mir-riħ fuq il-baħar<br>• Sajd eċċessiv<br>• Tniġġis mill-plastik<br>• Tfixkil mill-bniedem (storbju, traffiku marittimu rikreattiv)<br>• Tibdil fil-klima<br>• Tniġġis mid-dawl |
| Theddid indirizzat mill-proġett | • Predazzjoni minn speċi aljeni invażivi<br>• Qbid bi żball |



# Speċi tal-proġett
# Garnija balearika

## *Puffinus mauretanicus*



| | Malta | Greċja | Spanja | Franza | Portugall |
|---|---|---|---|---|---|
| Isem komuni | Il-Garnija balearika | Μύχος των Βαλεαρίδων | Pardela balear | Puffin des Baléares | Pardela-balear |
| Deskrizzjoni | Ġisem erodinamiku bi ġwienaħ twal u dojoq, bin-naħa ta' fuq kannella skur u taħt kanelli li jiċċara fuq is-sider u l-għonq; munqar irqiq u iswed, bit-tarf mgħawweġ ganċ, u imnieħer estern fil-forma ta' tubu; saqajn skuri bis-swaba' magħqudin | | | | |
| Tul | 35-40 cm | | | | |
| Firxa tal-ġwienaħ | 85-90 cm | | | | |
| Piż | 472-565 g | | | | |
| Jgħixu | sa 37 sena | | | | |
| Stil ta' ħajja | L-aktar pelaġiku | | | | |
| Dieta | Ħut bħal inċova, sardin u sawrella; kif ukoll klamari, krustaċi u rimi minn bastimenti tas-sajd | | | | |
| Bejta | Esklussivament fil-Gżejjer Baleariċi (Spanja), speċi b'sens qawwi ta' lealtà, tbid fl-għerien, f'toqob jew taħt il-veġetazzjoni ta' rdumijiet jew gżejjer żgħar remoti u bil-blat. Iżżur il-bejta esklussivament bil-lejl aktarx biex tevita predaturi | | | | |
| Staġun tal-bejta | Frar sa Lulju | | | | |
| Attività fil-kolonji | Bil-lejl | | | | |
| Kemm ibid | Bajda waħda kull staġun | | | | |
| Status ta' konservazzjoni – Livell Ewropew | F'periklu kritiku | | | | |

| | |
|---|---|
| Theddid ewlieni | • Qbid bi żball<br>• Predazzjoni minn speċij aljeni invażivi<br>• Tniġġis miż-żejt<br>• Produzzjoni ta' enerġija mir-riħ fuq il-baħar<br>• Sajd eċċessiv<br>• Tniġġis mill-plastik<br>• Tfixkil mill-bniedem (storbju, traffiku marittimu rikreattiv)<br>• Tibdil fil-klima<br>• Tniġġis mid-dawl |
| Theddid indirizzat mill-proġett | • Predazzjoni minn speċi aljeni invażivi<br>• Qbid bi żball |





# Il-ħajja tal-għasafar tal-baħar



## Il-garni: L-għassies tal-baħar

Il-garni jqatta' ħafna minn ħajtu fuq il-baħar u jersaq lejn l-art biss fl-istaġun tal-bejta biex ibid. Minħabba r-rabta sħiħa li għandu mal-baħar, il-garni jitqies "l-għassies" tal-baħar: bidliet fl-imġiba tiegħu jistgħu jiżvelaw ċaqliq fl-ekosistemi tal-baħar u jindikaw xi theddid li jkun qed jiżviluppa.

## It-traċċar tal-garni permezz tal-GPS

Wieħed mill-aktar metodi preċiżi biex nistudjaw il-movimenti tal-għasafar tal-baħar hija t-teknoloġija tal-GPS. Apparat żgħir tal-GPS jitwaħħal bil-kura mal-għasafar biex b'hekk ir-riċerkaturi jsegwu fid-dettal il-vjaġġi tagħhom fuq il-baħar. Dan jgħinna nifhmu fejn imorru biex jieklu, kemm jivvjaġġaw bogħod u liema żoni huma importanti għas-sopravivenza tagħhom.

Bħala parti mill-proġett LIFE PanPuffinus!, ġbarna 81 apparat tal-GPS minn żewġ kolonji tal-Garnija fil-Greċja u ta' tlieta oħra f'Malta. Minn dan, ġbarna tagħrif dwar diversi vjaġġi individwali ta' Garni biex ifittex l-ikel, li ta stampa aktar ċara tal-imġiba tiegħu fuq il-baħar.



## Monitoraġġ minn abbord

Metodu ieħor użat kien dak tal-programm European Seabirds at Sea (ESAS). Dan jinvolvi osservaturi mħarrġin li jirreġistraw dehriet ta' għasafar tal-baħar waqt servejs li jsiru minn fuq dgħajjes, sabiex jiġi stmat kemm hemm għasafar u t-tqassim tagħhom f'żoni marittimi differenti.

Permezz tal-proġett LIFE PanPuffinus!, saru 112-il servej ESAS fis-snin bikrin tal-proġett.

Dawn kienu jikkorrispondu għal 20 jum ta' osservazzjonijiet tul madwar 1500km ta' transects fil-Portugall u 74 jum tul 8,756km ta' transects fil-Greċja.

Fil-Portugall, dehru total ta' 2,029 Garnija Balearika, filwaqt li fil-Greċja dehru total ta' 6,785 Garnija.

Dawn is-servejs taw tagħrif siewi biex jiġu stabbiliti żoni ewlenin li juża dan it-tajr, kif ukoll theddid li jista' jkun hemm minn attività tal-bniedem bħal sajd jew traffiku marittimu.

**Ġbir ta' tagħrif—Protokolli komuni bejn pajjiżi differenti, ġabra komuni għal kwestjonarji, logbooks u osservazzjonijiet abbord:**
Ġbir standardizzat ta' tagħrif isaħħaħ l-analiżi komparattiv bejn il-pajjiżi. Saru adattamenti skont il-kuntest ta' kull pajjiż, biex tiġi żgurata l-konsistenza.



**Mapep fejn hemm riskju ta' qbid bi żball:**
Biex jiġi studjat ir-riskju ta' qbid bi żball tqabblu ż-żoni ta' sajd maż-żoni fejn jimirħu l-Garnija Balearika u l-Garnija. Dan ġab flimkien biologging, is-servejs tal-għasafar minn abbord u ġbir ta' tagħrif mis-sajjieda biex nifhmu aħjar l-imġiba u t-theddid li jiffaċċja l-garni. It-tagħrif mis-sajjieda nkiseb minn kwestjonarji, minn istituzzjonijiet uffiċjali u b' monitoraġġ mis-satelliti permezz ta' Global Fishing Watch. Minn din l-analiżi tgħallimna liema huma ż-żoni u f'liema żmien is-sajd jista' jġib riskju ta' qbid bi żball ta' tajr tal-baħar.



**Skambji dwar is-sajd:**
L-iskambji dwar is-sajd ġabru flimkien sajjieda u għaqdiet mhux governattivi minn żewġ pajjiżi parteċipanti kull darba, f'diversi siti tal-proġett. Minkejja l-kumplessità, kien ta' sodisfazzjon kbir li naraw xebh fil-prattika tas-sajd bejn kulturi differenti, kemm fit-teknika, fl-immuntar tat-tagħmir u l-ispeċi fil-mira. L-iskambju wera wkoll il-valur kbir li hemm fit-tagħlim reċiproku u meta wieħed jaqsam l-esperjenzi prattiċi.









**Konferenza internazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-qbid bi żball ta' tajr tal-baħar:**
Il-konferenza saret fi tmiem Ottubru 2024 f'Hyères, fi Franza, organizzata minn LPO France flimkien mal-imsieħba tal-proġett LIFE PanPuffinus!. L-għan tagħha kien li jixxerred tagħrif dwar il-kwantifikazzjoni u t-tnaqqis tal-qbid bi żball ta' għasafar tal-baħar fost il-partijiet interessati fil-Mediterran u fil-bqija tal-Ewropa. Attendew madwar 70 parteċipant minn tmien pajjiżi, inkluż awtoritajiet ambjentali, konservazzjonisti u sajjieda involuti fil-proġett.





**Numru ta' kwestjonarji:**
689



**Sigħat ta' osservazzjoni ta' sajd:**
1897



**Numru ta' osservazzjonijiet abbord:**
531



**Numru ta' sajjieda li żammew logbooks:**
55



**Numru ta' għasafar li nqabdu bi żball:**
728



# Miżuri ta' mitigazzjoni fil-qbid bi żball

Dawn il-miżuri ta' mitigazzjoni huma importanti wkoll għas-sajjieda. Dan għaliex il-qbid bi żball huwa ta' żvantaġġ għalihom, inaqqas l-effiċjenza tat-tagħmir tagħhom u jfixkel is-sajd. Għalhekk is-sehem tas-sajjieda fl-ittestjar tal-miżuri ta' mitigazzjoni huwa essenzjali.

## Miżuri ta' mitigazzjoni li ntużaw fil-proġett LIFE PanPuffinus!

**Scarybird f'konzijiet, *f'purse seiners* u f' tal-*pariti*:**

Dan l-apparat normalment jitwaħħal mal-poppa tad-dgħajsa. Peress li jixbah tajra tal-priża, l-iScarybird ibeżża' u jżomm tajr tal-baħar bogħod mill-operat tas-sajd.







**Bird Scary Line (u bagi rmunkati) fuq konzijiet:**

Dan ikun ħabel twil b'żigarelli ta' lwien jispikkaw imdendlin mal-konz, jew bagi msenslin ma' ħabel marbut mal-poppa; dawn ibeżżgħu l-għasafar u jżommhom bogħod mit-tagħmir tas-sajd.



**Pannelli ta' kuntrast fl-użu ta' pariti:**

Magħmula b'kuluri jispikkaw, bħal iswed u abjad, biex ix-xbieki ikun aktar viżibbli għall-għasafar.



**L-immaniġġjar tar-rimi fl-użu ta' pariti:**

Ħut mhux mixtieq spiss jintrema lura l-baħar waqt l-operat tas-sajd: dan iservi ta' ikel għat-tajr tal-baħar imma jżid ukoll ir-riskju ta' qbid bi żball. Dan il-ħut jista' jinħażen waqt is-sajda u jintefa' l-baħar wara li tintemm is-sajda; b'hekk l-għasafar ma jiġux f'kuntatt mat-tagħmir tas-sajd.



# L-għasafar tal-baħar fuq l-art

L-għasafar mill-familja Procellariidae huma magħrufin għall-lealtà kbira tagħhom lejn il-post fejn ikunu faqqsu (filopatrija). Mhux talli jirritornaw fl-istess gżira jew reġjun biex ibejtu, imma spiss isibu l-istess post eżatt fejn faqqsu. Din ir-rabta qawwija turi kemm hu importanti li jiġu protetti s-siti fejn ibejtu. Meta dawn l-għasafar jirritornaw biex irabbu huma l-frieħ tagħhom, importanti li jsibu l-post kif jiftakruh, jew f'kundizzjoni saħansitra aħjar.

Waħda mill-akbar theddidiet għal dawn il-kolonji ġejja minn annimali invażivi bħal firien u qtates. Dawn il-predaturi jħarbtu l-bajd, il-flieles u anke l-adulti. Peress li dan it-tajr ibejjet darba fis-sena u jbid bajda waħda biss, it-telf ta' ferħ wieħed jista' jkollu impatt qawwi fuq il-popolazzjoni tagħhom.

It-tneħħija jew il-kontroll ta' speċi invażivi hija essenzjali biex tinżamm il-bijosigurtà tal-ħabitati u u jiżguraw il-ġejjieni ta' dan it-tajr.





## X'għamel il-proġett LIFE PanPuffinus!




- **Qered b'suċċess** il-firien fil-gżejjer Agreloussa fir-reġjun tad-Dodekanes fit-Tramuntana fil-Greċja. Din l-intervent wassal biex jitħarsu kolonji importanti tal-Garnija, stmati minn 810–1,170 par li jbejtu.
- **Wara t-tneħħija tal-firien, is-suċċess tal-Garni** li jbejjet fil-kolonja ta' Agreloussa żdied b'**79%**.
- **Saru wkoll żjarat f'siti ta' kolonji biex jevalwaw il-bijosigurtà (BAV)** u jsaħħu l-effettività tal-eradikazzjonijiet preċedenti.
- **Saru 17-il sessjoni ta' taħriġ dwar il-bijosigurtà għal 115-il parteċipant f'Malta, fil-Greċja u fi Spanja.** Matul il-proġett, dan it-taħriġ żied l-għarfien u l-kapaċità fost il-partijiet interessati biex japplikaw miżuri preventivi, iħeġġu kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, l-utenti tas-siti u gruppi ewlenin oħra biex jiġu kkontrollati speċi invażivi.
- **L-immaniġġjar effettiv tal-iskart** huwa essenzjali għall-kontroll tal-popolazzjoni tal-firien, għalhekk il-proġett iffoka fuq it-titjib ta' dawn l-istrateġiji. Tqassmu reċipjenti għall-kompost lil negozji lokali u saru laqgħat mal-awtoritajiet tal-iskart biex iħajruhom inaqqsu l-ħela ta' ikel u skart li jsostni l-firien.



- Ġew stallati u maħżuna f'postijiet speċifiċi, **kits ta' rispons għal intrużjoni** biex ikunu lesti meta jkun hemm bżonn. Kull kit fih lixka u materjal għal nies imħarrġa lokalment biex jintervjenu malajr u b'mod effettiv jekk ifeġġu l-firien fis-siti ewlenin tal-proġett. Dan jgħin biex dawn iż-żoni jinżammu ħielsa mill-firien.



- **Saret ukoll reviżjoni** ta' 119-il proġett f'seba' pajjiżi Mediterranji li evalwat **l-isforzi preċedenti biex jikkontrollaw predaturi invażivi**, speċjalment firien. Din ir-reviżjoni identifikat l-isforzi li rnexxew, kemm damu s-siti ħielsa minn predaturi invażivi, x'miżuri ta' bijosigurtà ntużaw u każijiet fejn kien possibbli biss kontroll.



# Żieda fl-għarfien

## Attivitajiet

L-involviment tan-nies kien wieħed mill-erba' għanijiet ewlenin tal-proġett LIFE PanPuffinus!, billi għaraf li l-ħarsien fit-tul tat-tajr tal-baħar jiddependi mhux biss mill-interventi fuq il-post, iżda wkoll fuq l-edukazzjoni, l-għarfien u l-koperazzjoni. Għalhekk, il-proġett għamel emfasi kbira fuq il-bini tal-kapaċità, il-kollaborazzjoni u l-għarfien fost il-komunitajiet lokali, skejjel, sajjieda, partijiet interessati u dawk li jfasslu l-politika f'kull pajjiż imsieħeb.

**STQARRIJIET LILL-MEDIA**
600+



**LAQGĦAT TA' POLICY**
17



**ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL**
20



**WORKSHOPS MA' PARTIJIET INTERESSATI**
30



**AVVENIMENTI PUBBLIĊI**
74



# Il-kisbiet fil-qosor

**Tisħiħ tal-Bijosigurtà**

- Ġew implimentati b'suċċess miżuri ta' bijosigurtà f'**Malta, fil-Greċja** u fi **Spanja**.
- **Twaqqfu ċentri ta' reazzjoni** immedjata biex jipproteġu kolonji vulnerabbli minn firien invażivi.
- It-taħriġ laħaq firxa wiesgħa ta' partijiet interessati inkluż operaturi ta' dgħajjes u bdiewa.

**Tisħiħ tal-komunitajiet**

- Tisħiħ fil-kollaborazzjoni mal-komunitajiet tas-sajjieda, billi ġiet emfasizzata l-importanza tal-ħidma konġunta u l-fiduċja reċiproka.
- It-taħriġ u l-laqgħat informali tejbu l-prattiċi ta' rappurtaġġ u stabbilew il-pedamenti għal relazzjonijiet fit-tul.

**Tnaqqis fir-riskju ta' qbid bi żball**

- Fuq il-bażi ta' **tagħrif minn traċċar, servejs abbord u tagħrif mis-sajjieda**, ġew stabbiliti l-iktar żoni ta' riskju għall-**Garnija u għall-Garnija Balearika** li jinqabad bi żball waqt operat ta' sajd.
- 48 dgħajsa tas-sajd ipparteċipaw fl-ittestjar ta' miżuri ta' mitigazzjoni.
- Inħoloq sett ta' għodod bi struzzjonijiet ċari dwar kif għandhom jintużaw dawk il-**miżuri ta' mitigazzjoni** li tqiesu ta' suċċess matul il-provi.

# Il-passi li jmiss



- Niżguraw fondi biex inkomplu nikkontrollaw il-firien, skont il-pjani operattivi mfasslin mill-proġett, inkluż attivitajiet preventivi bħall-immaniġġjar tal-iskart.
- Komunikazzjoni kontinwa ma' sidien ta' dgħajjes u utenti marittimi biex jiżdied l-għarfien dwar il-bijosigurtà, b'miżuri preventivi abbord bħal monitoraġġ għal preżenza ta' firien, prattiċi tajbin għall-ħażna ta' ikel u skart, rope guards u tagħrif għall-passiġġieri.
- Ikompli l-ittestjar ta' miżuri ta' mitigazzjoni u l-istudji dwar il-qbid bi żball lil hinn mir-reġjun tal-proġett LIFE PanPuffinus!, biex il-metodoloġiji u l-għarfien jinfirxu għal pajjiżi oħrajn.
- Tixrid fuq livell nazzjonali tal-miżuri ta' mitigazzjoni għat-tajr tal-baħar fost dgħajjes tas-sajd, inkluż materjal ta' taħriġ, gwidi ta' identifikazzjoni u għodod għall-implimentazzjoni.
- Bini ta' kapaċità fuq livell istituzzjonali, b'mod partikolari fost osservaturi nazzjonali, biex jiġu mħarrġa bil-ħiliet meħtieġa biex jagħrfu t-tajr tal-baħar, l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni, u l-aħjar mod kif iżżomm u teħles tajr.



# Rikonoxximenti

Nixtiequ nirringrazzjaw lis-sajjieda kollha li kkollaboraw fil-ġbir tal-informazzjoni u li b'mod ġeneruż qasmu l-esperjenzi tagħhom fuq il-baħar. Napprezzaw ukoll l-appoġġ tal-awtoritajiet marittimi u ambjentali lokali għall-għajnuna tagħhom u għall-permessi meħtieġa li għamlu dan ix-xogħol possibbli. Nirringrazzjaw bis-sħiħ lill-istudenti li wettqu l-esperjenzi ta' taħriġ tagħhom f'dan il-proġett, kif ukoll lill-impjegati u l-voluntiera li kkontribwew b'entużjażmu u b'dedikazzjoni, u li kienu ta' valur kbir għas-suċċess tiegħu.

## Lista tal-ismijiet tat-timijiet kollha tal-proġett

BirdLife MALTA

Manya Russo (Project Manager), Martin Austad (Seabird Research Coordinator), Rita Matos (Project Warden), Francesca Visalli (Project Warden), Justine Borg (Marine Policy Officer), Mark Sultana (Chief Executive Officer), Nicholas Barbara (Head of Conservation), Gabriella Seguna Galea (Finance Manager), Jade Bongailas (Finance Officer), Antonia Micallef (Public Engagement Executive), Cinzia Mintoff (Graphic Design & Digital Media Communication Officer), Janet Borg (Project Administrator), Giada Lampitelli (Environmental Education Officer), Hannah Greetham (Former Project Warden), Polina Venka (Former Marine Data and Policy Officer) Arturo Palomba (Former Finance Manager), Claudio Agius (Former Finance Manager), Nathaniel Attard (Former Communications Manager), Alessandra Loria (Former Environmental Education Officer), Abbie Ferrar (Former Environmental Education Officer), Jody Fiteni (Former Communications Officer), Nicholas Galea (Head of BirdLife Malta Ringing Scheme), Annabel Said (Fieldworker), Nicholas Cutajar (Fieldworker), Benjamin Metzger (Fieldworker) u lill-membri kollha għall-appoġġ u l-parteċipazzjoni tagħhom fir-riċerka u x-xogħol fil-qasam dwar l-għasafar tal-baħar.

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS
DEPARTMENT OF FISHERIES AND AQUACULTURE

Judy Cassar (Economics Officer), Daryl Agius (Scientific Officer), Michael Albanozzo (Principal Scientific Officer).

Ορνιθολογική – HELLENIC ORNITHOLOGICAL SOCIETY

Danae Portolou (Project Coordinator), Dimitra Christidi (Fieldwork/Eradication/ Fisheries Officer), Angelos Evangelidis (Fieldwork /Eradication Officer), Ben Metzger (Fieldwork), Giorgos Drosopoulos (Fieldwork/Eradication Officer), Roula Trigou (Communications Officer), Maria Papathanasiou (Communications Assistant), Evgenia Panoriou (Environmental Education Officer), Lila Deroungeri (Environmental Education Officer), Aris Manolopoulos (GIS Officer), Michalis Vafeiadis (Technical Support), Konstantina Ntemiri (Director), Panos Kordopatis (Conservation Manager), Theodoros Karakoulakis (Finance Manager), Frida Kritikou (Graphic Designer), Eleni Galinou (Fieldwork), Androniki Pardalou (Fisheries Officer), Roxani Naasan Aga-Spyridopoulou (Fisheries Officer), Aris Christidis (Fisheries Officer), Michalis Hatzikyrkas (volunteer), Yiannis Koutsoupis (volunteer).

LPO BIRDLIFE FRANCE – Agir pour la biodiversité

Alexandra Caron-Strehlow (Project Coordinator, Former Policy Officer), Chloé Faure (Technical Coordinator), Julie Grolleau (Field Officer, LPO PACA), Pierre-André Farque (Marine Team Leader), Louis Dorémus (Former Project Coordinator), Claire Roirand (Finance Officer), Guillaume Roy (Finance Officer), Sylvie Thieux (Finance Officer), Zoé Leteux (Communications Officer), Emilie Bakkalian (Former Communications Officer), Antoine Barreau (Artistic Director), Alban Viaud (Head of the Department of pressures reduction on biodiversity), Gwenael Quaintenne (Programme Officer), Thierry Micol (Former Head of Biodiversity, Sustainable Development, International & Overseas Territories), Susan Waugh (Former Project Coordinator).

spea

Joana Andrade (Head of Marine Conservation Department), Ana Almeida (Senior Marine Conservation Officer), Nuno Oliveira (Senior Marine Conservation Officer), Elisabete Silva (Marine Conservation Officer), Flávia Carvalho (Marine Conservation Officer), Mónica Costa (Project Management & Environmental Education Assistant), Inês Casinhas (Fisheries Observer).

SEO BirdLife

Pep Arcos (Marine Programme Coordinator), Paulo Lago (Marine Programme Officer), Vero Cortés (Marine Programme Officer), Lucía Soliño (Marine Programme Officer), Daniel Rey (Marine Programme Officer), Gabriel Martín (Management officer), Mar Morales (Administration officer), Josefina Maestre (Communication officer), Juan Bécares (Data analysis), David García (Seabird monitoring), María Fargas (Biosecurity monitoring), Carles Tobella (Observer), Pere Josa (Observer).

N.E.C.C.A. Natural Environment and Climate Change Agency

Elena Bazioti (Project Management), Dimitra Petza (Project team member), Lampros Katerinopoulos (Project team member), Theodoros Mouratidis (Project team member), Konstantinos Protopapas (Project team member), Androniki Pardalou (Project team member).

Għal aktar informazzjoni agħmel kuntatt:
**Imejl:** info@birdlifemalta.org
**Facebook:** LIFE PanPuffinus!
**Websajt:** www.lifepanpuffinus.org





It-tajr tal-baħar huwa l-pont
bejn il-baħar u s-sema,
mhuwiex marbut ma’ wieħed minnhom,
iżda jappartjeni għat-tnejn.



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Ορνιθολογική
HELLENIC ORNITHOLOGICAL SOCIETY

LPO
BIRDLIFE FRANCE
Agir pour
la biodiversité

spea

SEO BirdLife

N.E.C.C.A.
Natural Environment and
Climate Change Agency

BirdLife
MALTA

NATURA 2000

Life

Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

LIFE
PanPuffinus!

